MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2006

Numru 266/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur Jeffrey Azzopardi**

v

**CHRISTOPHER SPITERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **CHRISTOPHER SPITERI** ta' tlieta w ghoxrin sena bin Salvu u Anna nee Galea, imwieled l-Imtarfa nhar l-wiehed u tletin ta' Ottubru 1977 u residenti 37, Triq il-Markiz Scicluna, Naxxar, detentur tal-karta tal-identita numru 550077M gie mressaq quddiemha akkuzat;

1. Talli fis-sitta w ghoxrin ta' Frar 2001 u fil-jiem ta' qabel minn gewwa garaxx fi Triq c-Cern, San Pawl il-Bahar, limiti tal-Qawra, bil-lejl, flimkien ma persuna ohra kkommetta serq ta' divesi oggetti tal-bahar li huma

stmati li jiswew aktar minn elf lira maltin ghad-dannu ta' John Bugeja liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel hsara voluntarja fl-imsemmi garaxx kif wkoll hames garaxxijiet ohra fl-istess lok, liema hsra hija ta'aktar minn hames mitt lira maltin ghad-dannu ta' John Bugeja u terzi persuni ohra;

3. Talli fl-istess zminijiet xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, u cioe diversi oggetti tal-bahar li huma stmati li jiswew aktar minn elf lira maltin liema oggetti gew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk sar f'Malta kif wkoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal sabiex inbieghhom jew imexxihom;

4. Talli fl-erbgha w ghoxrin ta' Frar 2001, f'Malta wara nofsinhar, u fil-granet ta' wara, kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjoni tar-raba (4) u s-sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija fil-pusses tieghu u talli naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolament tmienja (8) tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Talli kkommettta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu fit-tlieta w ghoxrin ta' Frar 2001 mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta [awla 2] kif wkoll sentenza sospiza ohra moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) [awla 3] nhar d-disgha w ghoxrin ta' Ottubru 1999, talli kkommetta reat waqt il-

perjodu operattiv ta’ sentenza tal-artikolu 9 tal-Kap 152 imposti fuqu nhar l-ghoxrin ta’ Frar 2001 u talli jinsab recidiv b’diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi huma definittvi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat d-dokumenti kollha esibiti f'dawn l-atti fosthom l-Fiat tal-Avukat Generali ai fini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta [dokument CSH 4 a fol 22] u l-artikoli mibghuta mill-istess Avukat Generali nhar l-hdax ta’ Awissu 2004 [fol 178] sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja .

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta ta’ nhar il-hamsa w ghoxrin ta’ Ottubru 2004 [fol 183].

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ Frar 2006.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu, salv ghal dik ta’ ricettazzjoni peress li din l-akkuza nghatat mill-Prosekuzzjoni b’mod alternattiv ghal akkuzi ta’ serq ghat-tieni akkuza l-imputat irregistra ammissjoni w ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din l-akkuza.

Dwar il-piena:

L-imputat jinsab akkuzat principalment li kkommetta serq aggravat bil-mezz, bil-valur, u bil-hin ghad-dannu ta’ John Bugeja u talli kkaguna hsarat voluntarji fuq garaxx tal-imsemmi  John Bugeja u ta’ pussess tad-droga Eroina.

Huwa jinsab akkuzat wkoll talli kkommetta dawn l-istess reati li ammetta, waqt l-perjodu operattiv ta’ diversi sentenzi sospizi u ghalhekk din il-Qorti sejra tara jekk dawn l-istess sentenzi sospizi gewx operattivi jew le.

Minn ezami tal-atti processwali jirrizulta li s-sentenzi sospizi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar t-tlieta w ghoxrin ta’ Frar 2001 u nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Ottubru 1999 fil-kofnront tal-imputat kienu gew trattati b’sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [per Magistrat Dottor Miriam Hayman] nhar s-sebgha ta’ Frar 2003 u bl-applikazzjoni tal-artikolu 28B kienet ziedet iz-zmien tas-sentenzi sospizi billi estendiet l-perjodu sospensiv taghhom ghal sentejn ohra b’effett mis-sebgha ta’ Frar 2003.

Illi minn ezami tal-atti jirrizulta li fil-hdax ta’ Dicembru 2002, l-imputat inghata sentenza ohra mill-Qorti tal-Magistrati fl’ismijiet **Il-Puliizja v Christopher Spiteri** [dokument T] fejn f’dik is-sentenza il-Qorti kienet sabet lil Christopher Spiteri hati talli kkommetta diversi serqiet waqt il-perjodu operattiv ta’ sentenza ta’ sentejn prigunerija li kienet giet sospiza ghal erbgha snin nhar t-tlieta w ghoxrin ta’ Frar 2001 ghaliex fil-fehma taghha, din l-istess sentenza kienet giet trattata permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati [dik moghtija mill-Magistrat Dottor Miriam Hayman imsemmija aktar ‘l fuq], meta in realta, tali sentenzi ma kienux gew rezi operattivi, izda t-termini tas-sospensjoni taghhom kienu gew estizi permezz ta’ sentejn ohra.

Illi din il-Qorti tinnota wkoll li nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Marzu 2004, din il-Qorti kif preseduta kienet wkoll tat sentenza fil-konfront tal-imputat fejn kienet sabitu hati fuq diversi akkuzi ta’ serq pero f’dik s-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v Christopher Spiteri, ghalkemm kien hemm talba tal-Prosekuzzjoni biex trendi esekuttivi z-zewg sentenzi

sospizi imsemmija aktar ‘l fuq u cioe dik moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Ottubru 1999 u tal-wiehed w ghoxrin ta’ Frar 2001, kien hemm verbal tal-Ufficjal Prosekutur li jghid li dawn z-zewg sentenzi kienu gew trattati u rezi operattivi permezz tas-sentenza tal-magistrat Dottor Miriam Hayman tas-sebgha ta’ Frar 2003 u galhekk f’dik s-sentenza tad-disgha w ghoxrin ta’ Marzu 2004 din il-Qorti ma kienetx hadet konjizzjoni ta’ tali talba a bazi ta’ din d-dikjrazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur.

Illi ghalhekk jirrizulta mill-atti bla ebda dubbju li z-zewg sentenzi ta’ prigunerija li kienu nghataw fil-konfront tal-imputat nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Ottubru 1999 fejn gie kkundanat tmien xhur prigunerija sospizi ghal erbgha snin, kif debitament estizi ghal sentejn oltre, permezz tas-sentenza tal-Magistrat Dottor Miriam Hayman nhar s-sebgha ta’ Frar 2003 w s-sentenza ta’ prigunerija tat-tlieta w ghoxrin ta’ Frar 2001, fejn gie kkundannat piena karcerarja ta’ sentejn sospizi ghal erbgha snin kif wkoll estizi ghal perjodu iehor ta’ sentejn permezz tas-sentenza tas-sebgha ta’ Frar 2003 mill-Magistrat Dottor Miriam Hayman w ghalhekk hija tal-fehma li permezz tal-presenti sentenza din il-Qorti ghandha tordna li dawn iz-zewg sentenzi jigu rezi operattivi b’effett immedjat, stante li r-reat li sabitu hati taghhom f’din s-sentenza sehhew fil-perjodu operattiv taz-zewg sentenzi sospizi in kwistjoni.

Illi din il-Qorti ezaminat l-fedina penali tal-imputat kif aggornata w esibita fl-atti fis-seduta tal-hmistax ta’ Frar 2006 u minn ezami tal-istess jirizulta li l-imputat instab hati tar-reat ta’ serq aggravat bil-mezz, bil-hin, bil-lok u bil-valur u dan fi tlettax l-okkazzjoni tant li l-fedina penali tieghu tikkkonsisti f’sitta w ghoxrin faccata, librett shih u l-imputat ma tghallimx jisfrutta ruhu mic-cansijiet moghtija lilu meta nghata pieni ta’ multi jew sentenzi s-sospizi jew addirittura meta nghata unconditional discharge minflok piena, u fil-fatt rega’ jinstab l-Qorti akkuzat bir-reati ta’ serq, pussess ta’ droga u hsara voluntarja waqt l-perjodu operattiv taz-zewg sentenzi sospizi.

Illi ghalhekk jidher bic-car li l-imputat qed iwwebbes rasu u jrid ikompli jghid l-hajja tal-kriminalita w ghalhekk din il-Qorti thoss li ghandha tkun harxa mieghu dwar il-piena, anke in vista tal-fatt li hu akkuzat bir-recidiva li tirrizulta ppruvata wkoll.

Ghalhekk **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 330, 279(b), 281, 334, 20, 23 u 533 tal-Kap 9 l-artikolu 8(1) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddecidi billi fil-kawza odjerna dwar l-akkuzi li qed issib lil imputat CHRISTOPHER SPITERI hati taghhom, u cioe ta' serq aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-valur, ta' hsara voluntarja, pussess ta' droga Eroina u recidiva, <u>tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tlett snin komplessivament.</u>**

**Oltre dan, tordna li s-sentenza sospiza tat-tlieta w ghoxrin ta' Frar 2001 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fejn l-imputat kien misjub hati tar-reat ta' serq fost akkuzi ohra u gie kkundannat piena ta' sentejn prigunerija, kif wkoll s-sentenza tad-disgha w ghoxrin ta' Ottubru 1999 fejn wkoll kien gie misjub hati fuq reati ta' serq u gie kkundannat ghal piena karcerarja ta' tmien xhur, jigu rezi operattivi.**

**Ghalhekk <u>il-Qorti tordna li l-imputat, b'effett ta' din is-sentenza, ghandu jaghmel hames [5] snin u tmien [8] xhur prigunerija b'kollox</u>.**

**Il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-akkuza ta' ricettazzjoni.**

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes ta' periti nominati f'din l-kawza, il-Qorti rat li ma gew nominati ebda periti jew esperti w ghalhekk, qed tastjeni millli tiehu konjizzjoni ta' tali talba.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------